



## STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

# L-UE tniedi s-Sena Ewropea għall-Anzjanità Attiva u s-Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet: Involvi ruħek!

Kopenħagen, 18 ta' Jannar 2012 - Illum jingħata bidu għas-Sena Ewropea għall-Anzjanità Attiva u s-Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet, b'konferenza ta' jumejn f'Kopenħagen, organizzata mill-Kummissjoni Ewropea u l-Presidenza Daniżha tal-UE. Is-Sena Ewropea għandha l-għan li tnissel sensibilizzazzjoni dwar l-anzjanità attiva, speċjalment fl-oqsma tal-impjieg, il-parċeċipazzjoni fis-soċjetà u l-għajxien indipendenti ta' persuni aktar anzjani. Is-Sena Ewropea għandha tinkoraġġixxi lill-parċeċipanti interessati u lil dawk li jfasslu l-politika biex jistabbilixxu impennji f'dawn l-oqsma u biex tittieħed azzjoni konkreta.

Dawn l-impennji jistgħu jvarjaw minn riforma leġiżlattiva (eż-żgħid, it-tnejha ta' ostakli li jimpedixxu lil persuni anzjani milli jibqgħu fl-impjieg), għal analiżi jew dibattiti pubbliċi, it-tnissiżi ta' sensibilizzazzjoni, jew l-identifikazzjoni ta' prioritajiet li jeħtieġ azzjoni. Pereżempju, l-iblet jistgħu jingħaqdu mal-programm tal-iblet dħulin mal-anzjanità tal-Organizzazzjoni tas-Saħħa Dinjija; il-kumpanniji jistgħu jiffaċilitaw il-kundizzjonijiet tax-xogħol għal ħaddiema aktar anzjani; l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jistgħu jqanqlu l-volontarjat li jagħmlu l-anzjani. Is-sit elettroniku tas-Sena Ewropea huwa l-post fejn dawn l-impennji jistgħu jsiru pubbliċi u fejn tista' tinkiseb ispirazzjoni minn dak li jkun qed jiġi band'oħra. Fl-aħħar tas-sena, l-impennji li jkunu għamlu l-aktar suċċess jingħataw rikonoximent fuq livell nazzjonali u Ewropew.

László Andor, Il-Kummissarju tal-UE għall-Impjieg, Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni, qal: "L-anzjanità attiva tfisser l-għajnejha li tingħata lill-persuni aktar anzjani biex jibqgħu fid-din ja-xogħol u jaqsmu l-esperjenzi tagħhom. Hija dwar kif jista' jibqa' jkollhom rwol attiv fis-soċjetà filwaqt li jibqgħu jgħixu bħala persuni b'saħħiethom, indipendenti u sodisfatti kemm jista' jkun. L-anzjanità attiva hija essenzjali biex inkunu nistgħu nilħqu l-mira tagħna ta' 75% tal-impjieg u biex noħorġu mill-inqas 20 miljun persuna mill-faqar sa l-2020. Is-Sena titlob azzjoni f'oqsma differenti – fl-impjieg, fil-protezzjon soċjali, fl-edukazzjoni u t-taħriġ, fis-saħħa u s-servizzi soċjali, fl-akkomodazzjoni u l-infrastruttura pubblika".

Il-popolazzjoni tal-UE qed tixieħi. Mill-2012, l-età tal-popolazzjoni Ewropea li tkun qed taħdem ser tibda tonqos, filwaqt li l-għadd ta' persuni li jkunu għalqu is-60 ser jiżdied malajr, b'madwar żewġ miljun persuna fis-sena. Din il-bidla demografika hija r-riżultat tal-grupp kbir ta' trabi li twieldu minnufi wara l-gwerra u li issa qed jaslu għall-pensjoni. L-età medja fl-Unjoni Ewropea issa hija ta' madwar 40 sena, iżda sal-2060, din ser tkun żidiedet għal 47. Il-proporzjon tal-popolazzjoni fl-UE27 li għandha 55 sena jew aktar żidiedet minn 25% fl-1990 għal 30% fl-2010, u hija stmati li ser tilħaq madwar 40% sal-2060. Madankollu, l-Ewropej mhux biss qed jgħixu ħajja itwal. Huma wkoll aktar b'saħħiethom minn qatt qabel, u dan joffri potenzjal importanti għas-soċjetà u l-ekonomija.

Is-Sena Ewropea 2012 tkopri tliet dimensjonijiet dwar l-anzjanità attiva:

- Anzjanità attiva fl-impjieg.** Biex ħaddiema aktar anzjani jiġu mħegħġa jżommu l-impjieg tagħħhom jeħtieġ li jkun hemm aktar titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħħom u li jsir adattament għall-istat tas-saħħa u l-ħtiġijet ta' ħaddiema anzjani, l-aġġornament tal-ħiliet tagħħom billi jingħataw aċċess aħjar għat-tagħlim tul il-ħajja u reviżjoni tas-sistemi ta' taxxa u ta' beneficiċċi biex jiġi żgurat li jkun hemm incenċivi effettivi għal impjieg aktar fit-tul.

- **Parteċipazzjoni fis-soċjetà.** It-titjib tal-opportunitajiet u l-kondizzjonijiet għal persuni aktar anzjani biex jikkontribwixxu lejn is-soċjetà bħala voluntiera jew persuni li jieħdu ħsieb il-familja u biex jipparteċipaw fis-soċjetà, biex hekk jiġi evitat l-iżolament soċjali u ħafna mill-problemi u riskji assoċjati.
- **Ħajja indipendenti.** Il-promozzjoni tas-saħħha u l-kura tas-saħħha preventiva permezz ta' miżuri li jatawwlu sew snin ta' ħajja b'saħħitha u jipprevvjenu d-dipendenza kif ukoll miżuri li jirrendu l-ambjent (bini pubbliku, infrastruttura, trasport, bini) aktar kompatibbli mal-ħtiġiet tal-anzjani, biex hekk il-persuni aktar anzjani jibqgħu kemm jiġi jista' jkun independenti.

## Sfond

Matul is-Sena Ewropea għall-Anzjanità Attiva u s-Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet, ser ikun hemm mijiet ta' attivitajiet, proġetti u avvenimenti ta' komunikazzjoni u dawn ser jiġu promossi kemm fuq livelli tal-UE kemm dawk nazzjonali.

- **Il-konferenza ta' tnedija EY 2012, f'Kopenħagen,** li ser tiffoka fuq kif l-innovazzjoni tista' ġġib soluzzjonijiet ġodda għall-isfidi futuri tas-soċjetà Ewropea li qed tixxie fl-oqsma tal-impjieg, tas-saħħha u affarrijiet soċjali. Fost il-kelliema: László Andor, Kummissarju għall-Impjieg, I-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni u John Dalli, Kummissarju għas-Saħħha u l-Politika tal-Konsumatur, Mette Frederiksen, Ministru Daniż għall-Impjieg, Sotroula Charlambous, Ministru tax-Xogħol u l-Assigurazzjoni Soċjali ta' Ċipru, u Karen Hækkerup, Ministru għall-Affarijiet Soċjali u l-Integrazzjoni tad-Danmarka flimkien ma' parteċipanti interessati.
- **Il-Konferenza tal-Ġurnalisti EY2012** (konferenza għall-ġurnalisti li ser ssir f'Marzu 2012 fi Brussell)
- **Diversi avvenimenti** ser jippermettu lill-parteċipanti interessati u liċ-ċittadini jinvolvu ruħhom u jikkontribwixxu għal anzjanità attiva u solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet mal-UE kollha. Fl-aħħar tas-sena, ser jiġu enfasizzati xi kisbiet eċċeżżjonali f'ċeremonja ta' premjazzjoni Ewropea.

## Dati ewlenin u attivitajiet relatati mal-Anzjanità attiva:

- 18/19 Jannar - Ftuħ tal-konferenza ta' EY2012 f'Kopenħagen
- Jannar/Frar - Ftuħ tal-konferenzi nazzjonali
- 14 ta' Frar - Forum dwar EY2012 organizzat mill-Kumitat tar-Reġjuni fi Brussell
- Marzu - Konferenza għall-mezzi tax-xandir "Rappurtar dwar l-anzjanità u s-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet" fi Brussell
- 7 ta' April - Il-Jum Dinji tas-Saħħha fuq is-Saħħha u l-Anzjanità
- 29 ta' April - Jum Ewropew ta' Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet (ippromwovu laqgħat interġenerazzjoni fl-iskejjel fil-ġimġħat ta' qabel u wara d-29 t'April)
- 4 ta' Ġunju - Konferenza dwar "Governanza tajba għal Anzjanità Attiva u b'Saħħitha" fi Brussell
- 19/20 Settembru - UNECE Konferenza Ministerjali dwar l-Anzjanità fi Vjenna
- 1 ta' Ottubru - Jum Internazzjonali dwar il-Persuni Anzjani
- 4 ta' Novembru - Forum dwar Demografija Ewropea
- Novembru - Ċeremonja ta' Premjazzjoni fi Brussell
- Diċembru - Konferenza tal-għeluq f'Ċipru

## **Għal aktar informazzjoni:**

[Is-sit elettroniku uffiċċali qħas-Sena Ewropea](#)

Il-paġna ewlenija ta' [László Andor](#), Kummissarju Ewropew għall-Impjieg, Affarijet Soċjali u Inklużjoni

## **Ara wkoll:**

Ewrobarometru 378 Speċjali: Anzjanità Attiva ( Rapport u Fuljetti ta' Informazzjoni)

[http://ec.europa.eu/public\\_opinion/archives/eb\\_special\\_379\\_360\\_en.htm](#)

Informazzjoni komparattiva fuq I-Istati Membri tal-UE fl-IP/12/15

[http://europa.eu/rapid/pressReleasesAction.do?reference=IP/12/16&format=HTML&aged=0&language=MT&guiLanguage=en](#)

U fil-MEMO/12/10

[http://europa.eu/rapid/pressReleasesAction.do?reference=MEMO/12/10&format=HTML&aged=0&language=EN&guiLanguage=en](#)

[Stgarrija għall-istampa mill-Eurostat](#)

## **Pubblikazzjonijiet:**

[Fuljett tal-Eurostat - Anzjanità attiva u solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet – kwadru statistiku tal-Unjoni Ewropea 2012](#)

[Kif tippromwovi l-anzmanità attiva fl-Ewropa - appoġġ mill-UE għal atturi lokali u reġjionali](#)

[Is-Sena Ewropea għall-Anzmanità Attiva u s-Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet 2012](#)

## **Videos:**

Klipp minn video dwar is-Sena Ewropea – Qatt m'jen xiñ ħafna ...

[http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=1002&langId=en](#)

[Video ta' animazzjoni fuq il-pensionijiet](#)

Fl-okkażjoni tat-tnejda tas-Sena Ewropea 2012, is-Servizzi Awdjoviżivi tad-DG dwar il-Komunikazzjoni ipproduċa l-ewwel minn żewġ video stockshots li jdum 26 minuta:

[http://ec.europa.eu/avservices/annonce/template\\_en.cfm?prodid=26550](#)

ikuntattja :

Andrea Ricciarelli, ICWE GmbH; Tel: +49 (0)30 310 18 18 43; Faks: +49 (0)30 324 98 33;  
[andrea.ricciarelli@icwe.net](mailto:andrea.ricciarelli@icwe.net)

Cristina Arigho:

+32 2 298 53 99

[Cristina.Arigho@ec.europa.eu](mailto:Cristina.Arigho@ec.europa.eu)